MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 29 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 543/2002

**Tabib Dr. Vincent Moran**

**vs**

**Emanuel Saliba u martu Rita Saliba**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' LM2,310 (elfejn, tlett mija u ghaxar liri Maltin) rapprezentanti kera dovuta fuq il-garage "Maria", f'Tal-Barrani, limiti taz-Zejtun, lilhom mikri mill-attur skond l-iskrittura privata firmata bejnithom fl-1 t'Ottubru 2001 u konsum ta' dawl fl-istess garage, skond l-anness prospett – Dok. A;**

**Bl-interssi legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-12 t'April 2002 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri legali tat-18 ta' Marzu 2002 u d-19 ta' Lulju 2002 u l-ittra ufficjali tat-12 t'April 2002, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fit-22 t'Ottubru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**